**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47

**25 ta' Lulju 2022**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 2022 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

| | |
|---|---|
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv



2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 47 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **47.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Il-Kunsillier is-Sur Malcolm Gatt bagħat ittra ta' appoloġija biex jiġi skużat mil-laqgħa nru 47. |
| **47.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 47.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 47, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill- kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-kunsilliera Joline Attard. |
| **47.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 47.03.01 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li fit-12 ta' Lulju 2022 is-segretarju eżekuttiv bagħatet l-applikazzjoni SPI/SCI/9/2021 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022 fejn kien hemm diskussjoni mad-direttur is-Sinj. Marisa Pisani fejn iddiskutejna li l-attivita li kienet ser issir f' Ġunju 2022 li kien jisimha Attivita Ħġejjeġ ma sarietx għax iż-żmien kien għadda meta irċivejna l-aċċettazzjoni ta' Ftehim tal-fondi , għalhekk ser nagħmlu attivita oħra minflok li ser jisimha Miniature Malta li din il-wirja jew esebizzjoni ser tinfetaħ fit-28 ta' Novembru sat-30 ta' Diċembru 2022. L-istima għal din l-ativita tilħaq għal 4879.74 ewro. |
| 47.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kien hemm diversi ilmenti dwar il-kajik li kien hemm fiż-żona tal-AUM, għalhekk is-sindku talab li issir laqgħa mad-dirretturi tal-AUM nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju 2022 fid-9.00am sabiex titndaf din iż-żona. |
| 47.03.03 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv bagħtu l-konfermazzjoni ta' charging pillars, tnejn fejn il-Gardjola quddiem l-arblu tad-dawl, tnejn quddiem il-knisja tal-Vitorja u tax-xatt għandha tinbiddel u issir mil-ġodda minħabba charging connections ġodda. Site plans intbgħatu fl-4 ta' Lulju permezz ta' imejl. |
| 47.03.04 | Is-Sindku informa l-kunsill li l-uffiċjal tal-kultura tar-Reġjun Port ir-riżenja. Imejl minn għand is-Sinj Lianne Cassar intbgħatet fit-30 ta' Ġunju 2022. |
| 47.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar ilment minn għand resident li jrid li jbaxxi l-ħajt ta' Triq L-Arkati għaliex hemm blind corner u min ikun ġej bil-karrozza ma jarax min ikun ġej mill-ponta. Din it-talba ma intlaqatx għaliex mhux possibli minnħabba saħħa u sigurta. Il-Kunsillera qablu ma din id-deċiżjoni. |

| | |
|---|---|
| 47.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar Espressjoni ta' interess – Finanzjament Milied 2022 sabiex il-kunsill japplika għal din l-iskema biex tintbgħat l-applikazzjoni sad-19 t' Awissu bil-proġett tas-siġra tal-Milied u tiżjien ta' dawl fi Triq il-Vitorja. Il-Kunsilliera qablu ma di l-iskema nru SPI. SCI.08.2022. |
| 47.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar stedina ta' attivita' organizzata minn Aġenzija Żagħazagħ sabiex min xtaq li jattendi din l-attivita kienet fit- 13 ta' Lulju 2022, il-kunsill bagħat lil kunsilliera imejl għal-attenzjoni tagħhom fl-1 ta' Lulju 2022. |
| 47.03.08 | Is-Sindku talab lil kunsilliera min jixtieq li jieħu r-responsabilta' tal-World Clean Up The World Campaign 2022. Hemm bżonn li jekk il-kunsill jieħu sehem irrid jibgħat d-dokumenti sa nhar il-Ġimgħa 12 t' Awwissu 2022. Il-Kunsilliera kellhom jikkonfermaw aktar tard min jista' jieħu dan l-inkarigu. |
| 47.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-isem tat-Triq Nazzarenu Mifsud ser jiġi inawgurat fis-26 t' Awwissu mir-Regatta Club. |
| 47.03.10 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar ilment mis-Sur Carmel Genovese dwar periklu li hemm fis-swar li jiġu fuq il-garaxx tiegħu. Is-Sindku infurmaħ li jrid jagħmel rapport personali l-għassa ta' Bormla u is-Sur Genovese ġab dan ir-rapport l-uffiċju tal-kunsill datata 19 ta' Lulju 2022. |
| 47.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-proċess tal-lift twaqqaf iżda d-dipartiment qed jgħati permess lil kunsill lokali tal-Isla sabiex dawn il-fondi nużawhom f' xi proġett ieħor relatat ma aċċesibilita' u mobilita' għalhekk ser nibgħatu għal -perit biexd jaħdem stima għal Triq il-Ponta biex tiġi pavimentata. |
| 47.03.12 | Is-Sindku iddiskuta li kellu laqgħa ma Parks Malta sabiex issir sejħa għat-tisbieħ tal-ġnien tal-gardjola dwar pjanti u irregation. Parks Malta għandhom joħorġu sejħa għal tender għal dan is-servizz. Il-Kunsill Lokali tal-Isla dan ix-xaħar għamel it-tiswijiet u l-manutenzjoni tal-irrigation. |
| 47.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-linja tax-xatt għadhom ma inżebħux għaliex it-tender min naħa tad-dipartiment għada qed tiġi evalwata. Kif it-tender tiġi evalwata ikunu jistgħu jinbdew is-sinjali tat-triq ix-xatt J.B. Azopardo. |
| 47.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv, fit-3 t' Awwissu 2022 ser jiltaqgħu mal-perit u l-enġiniera tal-proġett tax-xatt sabiex meta l-kunsill jerġa japplika għall Fond ta' Manutenzzjoni u |

| | |
|---|---|
| | Sosten ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-gvern Ċentrali din id-darba tintlaqa t-talba tal-kunisll. |
| 47.03.15 | Is-Sindku ressaq it-talba mill-Cleansing Department li l-kontijiet tal-letrini pubbliċi irridu jibdew jitħallsu mill-kunsill għalhekk ser ikun hemm aktar spejjeż involuti relatati mal-letrini pubbliċi. |
| 47.03.16 | Is-Sindku ressaq it-talba tas-Sur Psaila li kien jieħu ħsieb l-arloġġ tal-Forti San Mikiel biex jerġa jibda jieħu ħsiebu. Iżda s-sindku infurmaħ li dan l-imsemmi arloġġ ser ikun imħaddem eletronikament. |
| 47.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv talbet għal tlett kwotazzjonijiet sabiex issir l-arja kondizzjonata fl-uffiċċju tas-sindku. Il-Kunsilliera qablu ma dan l-akkwist. |
| 47.03.18 | Is-Sindku talab sabiex jiġu ordnati aktar posters ta' tabelli tal-ġbir tal-iskart biex jitqassmu bieb bieb. |
| 47.03.19 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li infetħet biċċa żgħira mill-parking tad-daħla tal-Isla fejn ir-residenti jistgħu jipparkjaw, reġgħa saħħaq lil għal-attivitajiet li jsiru il-Maċina il-kunsill jistgħa jagħti permess ta' tlett parkeġġi biss. |
| 47.03.20 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Perit De Giovanni fuq is-sit ta' Boiler Wharf sabiex il-perit tkun tista tagħmel rapport biex jingħata lil Lands u jiġi diskuss biex jinħarġu fondi mill-Lands Department għal dan ir-restawr. |
| 47.03.21 | Is-Sindku issuġġerixxa li ssir ittra bl-avukat sabiex l-avukat jikteb f'isem il-kunsill lit-Transport Malta biex issir talba għal-parkeġġi bil-ħinijiet għar-residenti għaliex ir-residenti tal-Isla m'għandhomx fejn jipparkjaw u pajjiżi oħra għandhom ir-*resident parking.* |
| 47.03.22 | Is-Segretarju Eżekuttiv irċiviet imejl minn għand il-kuntratt tal-ġabra tal-iskart fejn ġie mitlub iż-żieda ta' 50 ewro kuljum minbarra it-Tlieta mill- 1 t' Awwissu 2022. Is-Segretarju infurmat lil kuntrattur li dan ma jistax iseħħ għaliex m'hemmx imniżżel din iżż-ieda fil-kuntratt li jagħlaq f' Ġunju 2023. |
| 47.03.23 | Is-sindku informa lil-kunsilliera dwar ix-xogħol tad-daħla tal-Isla fi Triq L-oratorju instabgħet problema li hemm xi djar għandhom id-dranaġġ qed immur ma l-ilma u għalissa il-kuntrattur waqaf sakemm jiġu tas-sanita għax qegħdin bi strajk. Apparti hekk quddiem l-iskola sabu problema oħra tad-dranaġġ li qed tmur għand Hammett Restaurant. |

| | |
|---|---|
| | Il-Periti tal-Gvern u ta' Hammett Restaurant qed jikkomunikaw bejnithom. |
| 47.03.24 | Is-sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar ir-rapport li qed jintbgħat mill-Contracts Manager li qed jintbgħat tard u mhux qed ikun hemm follow up ta' l-azzjoni li trid iseħħ mill-istess kuntrattur iżda sakemm dan ir-rapport jintbgħat l-azzjonijiet jilħqu issiru għaliex is-sindku jibgħat kuljum in-nuqassijiet li jkun hemm madwar il-lokalita' għalhekk dan il-kuntrattur għandu jingħata it-tielet default notice. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma dan id-default. |
| 47.03.25 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-sidien tal-ħwienet tax-xatt sabiex jintlaħaq ftehim kif għandhom jarmaw tan-nar b' armar li jintuża għal logħob tan-nar pirotekniku. Is-sidien tal-ħwienet ma sabu l-ebda oġġezzjoni u kien hemm qbil unanimu mis-sidien kollha sabiex issir dan l-armar għal-festa. |
| **47.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Kif baqa' il-Kunsill dwar il-proposta li x-xatt jerġa' jsir one way ?<br><br>Is-Sindku wieġeb li l-kunsill għadu ma bagħatx lit-TM peress li fil-lokalita tal-Isla għaddejjien ħafna xogholijiet infrastruturali, li huma id-daħla tal-Isla, Triq il-ħabs l-Antik u fix-xahara tas-Settembru ser jibda ix-xoghol ta triq il-vitorja.<br><br>Dwar id-diskussjonijiet li ġew diskussi fil-laqgħat preċedenti dwar li l-Bowser jidhlu minn Għajn Dwieli għal ġewwa Palombo għad m'hemmx risposta dwar dan minn Transport Malta. |
| **47.5** | **Rapporti** |

| | |
|---|---|
| 47.5.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart fejn l-indikazzjoni tal-finanzi tal-kunsill jinsabu fil-pożittiv. Il-kunsilliera Corinne Buhagiar approvat dan ir-rapport u ġie issekondat mil-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| 47.5.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order* ta' Ġunju 2022 *u Petty Cash* għax-xahar ta' Lulju 2022 fejn ġew approvati mill- kunsilliera Corinne Buhagiar u s-sekondati mil-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **47.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 47.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 7/2022 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sur Anthony Bonavia. |
| **47.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 47.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30pm.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 t' Awwissu 2022 fl-4:00p.m |

Konfermati, illum 25 ta' Lulju 2022

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv